# L-ISTORJA TAL-GŻIRA

## IL-GŻIRA MANOEL

Ġrajjiet din il-gżira huma tabilħaqq interessanti. Żgur iżda li l-aqwa ġrajja marbuta magħha tmur lura lejn is-seklu sbatax. Wara l-bini tal-belt Valletta, il-kavallieri ta' San Ġwann xeħtu ħarsithom lejn il-gżira żgħira imdawra bil-baħar li kienet qrib ħafna l-belt Valletta.



Dehra tal-Fortizza Manoel fl-antik.

Kienet propjeta' tal-Katidral ta' Malta u għalhekk kienet magħrufa bħala "Il-Gżira ta' l-Isqof". Fit-18 ta' Lulju 1643 il-kavallieri u Il-Katidral waslu fi ftehim li din il-gżira titpartat ma' biċċa art fl-inħawi tal-Fiddien. Il-kuntratt ta' dan it-tpartit sar f'dan il-jum għand in-nutar Lorenzo Grima.

## IL-FORTIZZA MANOEL

Il-Gran Mastru Emmanuele Antonio Vilhena (1722-1736) żviluppa din il-gżira. Wara bosta pariri ta' inġinieri magħrufa, fl-1723 inbena l-bini ta' fortizza qawwija. Ix-xogħol tagħha ġie fdat f'idejn l-inġinier De Tigne li għaraf joħloq fortizza li permezz tagħha ħames mitt ruħ ikunu jistgħu jħarsu id-difiża tal-gżira. Fit-tifsila ta' din il-forti, l-inġinier Tigne mexa fuq il-linji ta' l-inġinier Militari Franċiż Vauban.
Il-fortizza ġiet imsejħa FORT MANOEL b'tifkira tal-Gran Mastru Vilhena u għalhekk fid-daħla ta' din il- fortizza twaqqaf monument tal-bronż f'ġieħu li sa llum għadu wieqaf il-Furjana. M eta fl-1736, miet dan il-Gran Mastru, u twaqqaf monument f'ġieħu f'San Ġwann, fil-bażi ta' dan il-monument, inħadmet fil-bronż ix-xbieha ta' dan il-Gran Mastru jispezzjona l-bini ta' din il-fortizza.



Il-monument ta' Vilhena fil-Furjana

# L-ISTORJA TAL-GŻIRA

## IL-KNISJA TA' SANT 'ANTNIN

Fuq din il-gżira, barra li ġiet mibnija fortizza, il-Gran Mastru ħaseb ukoll għall-bini tad-dar tal-gvernatur ta' din il-fortizza u wkoll knisja. Skond il-kritiċi ta' l-arkitettura din il-knisja inbniet fuq il-pjanta ta' Romano Carapecchia li kien inġinier ta' fama mondjali.

Il-knisja kienet iddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova b'tifkira ta' isem il-Gran Mastru Vilhena u għalhekk fil-parti t'isfel ta' dan il-kwadru ġiet ukoll impittra l-arma tiegħu. Il-kwadru għadu sa llum merfugħ fil-knisja tal-Vitorja l-Belt. Il-knisja ta' Sant'Antnin kienet imżejna b'ħafna skultura ta' stil barokk u fiha kien jinstab midfun Francois De Mondion li kien l-inġinier magħruf ta' l-Ordni ta' San Ġwann.



*Fdalijiet tal-knisja illum.*



*L-Isptar Lażżaret fl-imgħoddi.*

## L-ISPTAR LAZZARET



*L-Isptar Lazzaret illum.*

Bħala parti mill-gżira Manoel insibu wkoll l-Isptar Lazzaret li kien sptar tal-kwarantina.

Dan l-isptar kien inbena fl-1643 iżda sa mis-sena 1593 il-kavallieri ta' San Ġwann, kienu iddikjaraw parti minn din il-gżira bħala kwarantina. Din il-kelma ġejja mill-kelma taljana *quaranta* li tfisser erbgħin billi kull biċċa tal-baħar u kull passiġġier li kien jidħol Malta, b'liġi nfurzata, kien jgħaddi erbgħin jum f'din il-gżira. Il-logoġ li jagħtu għal fuq il-baħar huma faċċata tas-swar ta' San Mikiel tal-Belt.

Dawn kienu inbnew minn Stefano Zerafa bl-iskop li l-pazjenti tal-kwarantina joqogħdu taħthom u jisimgħu l-quddiesa li kienet tiġi ċċelebrata fil-kappella ta' Santu Rokku li kienet fuq is-swar imsemmija. Kull biċċa tal-baħar u dak kollu li kien ikun fuqha kien jiġi iffumugat. Bosta nies li kienu jgħaddu l-erbgħin jum fuq din il-gżira naqqxu isimhom fuq il-ħitan ta' dan l-isptar. Xi wħud imorru lura sal-bidu li fih inbena l-isptar.

## BIEB IL-GŻIRA



Imwarrab wara l-bini li tela' madwaru, fil-Gżira insibu ark trijonfali tal-ġebel. Taħt dan l-ark kienet tgħaddi t-triq li mill-Imsida kienet twassal għal tas-Sliema, billi Rue d'Argens kienet għada mhux miftuħa.

Fuq dan l-ark trijonfali insibu din il-kitba:

*"Għall-kumdita pubblika u privata mill-ġid tal-Baruni Testaferrata - Fra Nikola Butiu, ħa ħsieb iwessa t-triq fis-sena 1796"*

Bieb il-Gżira



## IL-GŻIRA PARROĊĊA

Il-mezzi tat-trasport, flimkien ma' l-iżvilupp tal-inħawi ta' tas-Sliema u San Ġiljan, taw il-ħajja lill-Gżira.

Il-nies bdiet tgħammar ukoll fil-Gżira u wara l-każ tan-niċċa tal-Madonna bdiet tinħass il-ħtieġa ta' bini ta' knisja kbira.



Sadanittant, fil-15 ta' Mejju 1921, l-Arċisqof Dom Mauro Caruana iddikjara l-Gżira parroċċa għaliha. F'din l-istess sena bdiet tinbena l-knisja parrokkjali tal-lum. L-Arċisqof Mikiel Gonzi ikkonsagra l-knisja fit-23 ta' Mejju,1959



L-Isqof Mauro Caruana

Il-knisja Parrokkjali

## IN-NIĊĊA TAL-MADONNA TAL-KARMNU



Marbuta ma' qalb in-nies tal-Gżira hija l-ġrajja tal-Madonna magħrufa bħala "Tal-Ġebla"

Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu kien meqjum f'niċċa ta' l-injam fi Triq Manoel. Qrib in-niċċa kien hemm ħanut tax-xorb.

Sbieħ il-jum tal-10 ta' Lulju 1902, tlitt suldati Ingliżi riedu jidħlu bil-forza f'dan il-ħanut biex jixorbu. Meta sid il-ħanut ma fetħilhomx bdew iwaddbu l-ġebel fuq il-bieb ta' dan il-ħanut. Ġebla minnhom ħabtet u kissret il-ħġieġa ta' dan il-kwadru u baqgħet imwaħħla bejn żewġ ħġiġiet. Kien att ikrah iżda li kien il-bidu tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fl-inħawi tal-Gżira.

*L-inkwatru mkisser u l-ġebla*

## L-EMPIRE STADIUM





*L-Empire Stadium*

Meta l-logħob tal-ballun sar popolari f'dawn il-gżejjer il-ground tal-Mile End fil-Ħamrun sar żgħir wisq.

Għal dan il- għan is-Sur Meme Scicluna bena l-*Empire Sports Ground* fil-Gżira. Dan beda jintuża fil-bidu tas-snin għoxrin u baqa' jaqdi l-iskop li għalih inbena għal madwar ħamsin sena.

## TIFKIRA TAL-GWERRA FIL-GŻIRA

L-aħħar gwerra dinjija ħalliet bosta vittmi fil-Gżira.

Skond il-kitbiet tal-ġrajjiet, sa mill-ewwel jum tal-gwerra, fuq il-Gżira twaddbu l-bombi u ħallew il-vittmi. Dawn baqgħu jinxteħtu matul is-snin tal-gwerra tant li aktar minn ħamsin ruħ kienu vittmi ta' l-aħħar gwerra dinjija fil-Gżira.




*L-irħama li tfakkar il-vittmi tal-Gwerra*